MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Talba Numru. 821/2010

**Anna Maria Gaffiero Muscat Drago**

**Vs**

**Pierre Gaffiero**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet lill-konvenut ighid l-ghaliex ma ghandux dan it-Tribunal jikkundannah ihallasha s-somma ta' €3,180 (tlett elef mija u tmenin euro) rapprezentanti disa' xhur manteniment mix-xahar ta' Ottubru 2009 sax-xahar ta' Dicembru 2010 u dan skond kuntratt ta' separazzjoni personali tal-partijiet. Bl-ispejjez u bl-imghax sal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut minnu mressqa fid-19 ta' Lulju 2010 u li permezz taghha huwa qal li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li:

i. Il-parti l-kbira tal-manteniment pretiz huwa mhallas permezz ta' pagamenti fix-xahar li l-esponenti jibghat lill-attrici, kif ilu jsir ghal bosta snin bejn il-partijiet, u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

ii. Il-manteniment pretiz huwa dovut lill-ulied tal-partijiet. Illi matul ix-xhur ta' Ottubru sa Dicembru 2009, l-istess ulied gew mantenuti esklussivament mill-esponenti peress li l-attrici kienet f'xi pajjiz fl-Ewropa qeghda taghmel ricerka ghat-tezi legali taghha u ma kienx jimpurtaha mill-istess uliedha. Illi ghalhekk kwalsiasi manteniment li setgha kien dovut fl-imsemmija tlett xhur, gie wkoll issaldat mill-esponenti li unikament ha hsieb uliedu fil-htigijiet kollha li kellhom, liema fatt gie anke rikonoxxut bis-sentenzi kriminali moghtija mill-Qorti tal-Familja fl-ismijiet Il-Pulizija vs Pierre Gaffiero tas-16 ta' Gunju, 2010.

iii. Illi t-talba giet intavolata mill-attrici fit-3 ta' Gunju, 2010. Illi permezz taghha qed titlob manteniment minn Lulju sa Dicembru tal-2010, liema manteniment zgur mhux dovut ghax ghadu ma averrax ruhu.

iv. Illi l-attrici ghazlet li taghmel din il-procedura proprju biex tkompli zzid l-ispejjez ghax jekk, kif qed tghid hi l-ammont huwa dovut ghab-bazi ta' kuntratt ta' separazzjoni, hija setghet dejjem tirrendih ezegwibbli u tevita l-ispejjez ta' din l-istanza. Ghalhekk l-ispejjez legali ta' din l-istanza ghandhom jigu ssapportati unikament mill-attrici.

Ghaldaqstant, it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Permezz ta' nota ta' riduzzjoni mressqa fis-16 ta' Dicembru, 2010 l-attrici r-riduciet it-talba taghha ghal elf tlett mija erbgha u sebghin euro u tmienja u ghoxrin

centezmi ta’ euro (€1374.28) u dan peress li kienu saru xi pagamenti mill-konvenut lilha fil-mori tal-kawza.

Semgha’ x-xhieda, inkluz l-affidavits u d-dokumenti kollha mressqa mill-partijiet

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Illi l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fis-6 ta’ Awissu, 2004 fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena. Il-paragrafu relattiv ghal kaz in disamina huwa dak bin-numru erbgha (4) u li jinstab fit-tieni faccata (fol. 22) ta’ dan il-kuntratt immarkat bhala Dok. AMG 1. Dan il-paragrafu jaqra testwalment hekk:

*“4. Ir-Ragel jobbliga ruhhu li tkun xi tkun is-sitwazzjoni, jghaddi lil martu manteniment ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10[1]) fix-xahar ghaliha u mitejn u disghin lira Maltin (Lm290[2]) fix-xahar bhala manteniment ghall-imsemmija uliedu minuri sa ma dawn iz-zewg isiru maggorenni. B’dan illi meta t-tifel Andrea jilhaq l-eta ta’ tmintax (18)-il sena l-manteniment jonqos b’mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm145[3]) fix-xahar. L-ammont globali ta’ manteniment dovut, prezentement tliet mitt lira Maltin (Lm300[4]), ghandu jithallas mir-ragel lill-mara permezz ta’ bank draft jew cheque li jinghadda lill-mara u jkun pagabbli sa mhux aktar tard mill-erbgha u ghoxrin (24) jum ta’ kull xahar. Madanakollu r-Ragel qieghed jobbliga ruhhu wkoll li b’effett mis-sena elfejn u hamsa (2005) ‘il quddiem, huwa jibda jhallas kull ammont ta’ manteniment dovut ghal dik is-sena partikolari bil-quddiem f’somma wahda li tithallas kull (24) ta’ Jannar, bl-ewwel hlas ta’ sena bil-quddiem ikun pagabbli sa l-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Jannar elfejn u*

[1] pari ghal €23.29

[2] pari ghal €675.52;

[3] pari ghal €337.76

[4] pari ghal €698.81

*hamsa (2005), u dan l-obbligu ta' hlas ta' manteniment bis-sena bil-quddiem jibqa effettiv ghal kull sena ohra sussegwentement bl-istess mod. Il-Mara tista taghzel li kwalunkwe hlas lilha isir direttament f'kont bankarju maghzul minnha."*

2. Minn qari ta' dan il-paragrafu ghandu jirrizulta li l-konvenut obbliga ruhhu li jhallas lill-martu l-attrici u liz-zewgt uliedhom:

a) Is-somma ta' Lm300 pari ghal €698.81 fix-xahar sakemm xi hadd mill-minuri jaghlaq tmintax-il sena;

b) Malli t-tifel jaghlaq it-18-il sena, l-ammont jigi ridott ghal Lm155 pari ghal €337.76 fix-xahar;

c) Il-hlas kellhu jsir permezz ta' bank draft jew cheque li jinghata lil mara u jkun pagabbli sa mhux aktar tard mill-24 jum ta' kull xahar.

d) Mis-sena 2005 il-quddiem il-manteniment dovut ghal dik is-sena partikolari kellu jibda jithallas f'daqqa u cioe f'somma wahda, liema somma kellha tithallas kull 24 ta' Jannar.

3. It-talba maghmula kienet tirrigwarda hlasijiet ta' manteniment ghal attrici u ghal ulied il-kontendenti bejn Ottubru, 2009 u Dicembru, 2010.

4. Gara li l-attrici kellha issiefer fuq studju barra minn Malta u dan bejn il-perjodu 25 ta' Settembru, 2009 u d-19 ta' Dicembru, 2009 u s-16 ta' Jannar, 2010 u t-23 ta' Frar, 2010 u l-konvenut ma riedx ihallas lill-attrici ghaz-zmien li huwa ghamel jiehu hsieb lill-imsemmija ahwa minuri Gaffiero waqt li hija kienet assenti minn dawn il-Gzejjer. L-attrici dwar dan il-punt tghid li zewgha dan ma setax jaghmlu l-ghaliex skond il-kuntratt ta' firda taghhom, zewgha kellhu jibda (mill-2005 il-quddiem) jhallasha ta'

sena manteniment f'daqqa sa mhux aktar tard mill-24 ta' Jannar ta' kull sena. Ghalhekk tghid l-attrici, sal-24 ta' Jannar tal-2009, zewgha kellhu jhallasha l-manteniment kollu dovut sa Dicembru, 2009 u ghalhekk huwa irrilevanti hi fejn kienet tinsab.

5. Fil-fatt, l-attrici esebiet zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura kriminali datati t-tnejn li huma 16 ta' Gunju, 2010 u li jirreferu wahda ghal perjodu Ottubru u Novembru 2009 u l-ohra talli fl-24 ta' Jannar, 2010 il-konvenut ma ghadhiex il-manteniment meta suppost li kellu jghaddih. F'dawn iz-zewg okkazzjonijiet, il-konvenut instab hati u gie applikat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr kundizzjoni kontrih.

6. Issa skond il-kalkoli ta' l-attrici zewgha kellhu jaghtiha s-segwenti pagamenti bhala manteniment:

| Numru | Ammont Dovut | Meta Dovut | Perjodu Kopert | Meta thallas | Ammont Imhallas |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| 1. | €337.76 (Lm145) | 24.01.2009 | 24.10.2009 | | MA THALLAS |
| | €337.76 (Lm145) | | 24.11.2009 | | MA THALLAS |
| | €337.76 (Lm145) | | 24.12.2009 | 24.12.2009 | €372 (chq No. 1391 HSBC) |
| | | | | | |
| 2. | €337.76 (Lm145) | 24.01.2010 | 24.01.2010 | | MA THALLAS |

| Numru | Ammont Dovut | Meta Dovut | Perjodu Kopert | Meta thallas | Ammont Imhallas |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | €361.05 (Lm155) | | 24.02.2010 | 04.03.2010 | €361 (chq No. 1467 HSBC) |
| | €361.05 (Lm155) | | 24.03.2010 | 24.03.2010 | €361 (chq No. 1492 HSBC) |
| | €361.05 (Lm155) | | 24.04.2010 | 28.04.2010 | €361 (chq No. 1536 HSBC) |
| | €361.05 (Lm155) | | 24.05.2010 | 24.05.2010 | €361 (chq No. 1569 HSBC) |
| | €361.05 (Lm155) | | 24.06.2010 | 24.06.2010 | €361 (chq No. 1618 HSBC) |
| | €361.05 (Lm155) | | 24.07.2010 | 24.07.2010 | €361 (chq No. 1726 HSBC) |
| | €361.05 (Lm155) | | 24.08.2010 | 24.09.2010 | €361 (chq No. 1738 HSBC) |
| | €361.05 (Lm155) | | 24.09.2010 | 24.10.2010 | €361 (chq No. 1769 HSBC) |
| | €361.05 (Lm155) | | 24.10.2010 | 24.11.2010 | €361 (chq No. 1205 HSBC) |
| | €361.05 (Lm155) | | 24.11.2010 | 24.12.2010 | €361 (chq No. 1844 HSBC) |
| | €361.05 (Lm155) | | 24.12.2010 | | MA THALLAS |
| | | | | | |
| | | | | | |

7. Illi ghalhekk, skond l-attrici, fadallha tigbor minghand zewgha 4 pagamenti ta' manteniment. Tlett pagamenti ta' Lm145 il-wiehed u dan ghal perjodu 24 ta' Ottubru 2009, 24 ta' Novembru, 2009 u 24 ta' Jannar, 2010 u pagament ta' Lm155 ghal perjodu 24 ta' Dicembru, 2010. B'hekk skond l-attrici, l-konvenut kellhu jhallasha s-somma ta' Lm590 ekwivalenti ghal €1374.33 (li huwa l-ammont indikat fin-nota ta' riduzzjoni b'differenza ta' 5 centezmi ta' euro).

8. Issa l-konvenut ghadda biex esebixxa sensiela ta' cekkijiet, datati:

(i) 24 ta' Dicembru, 2009 fl-ammont ta' €372;
(ii) 4 ta' Marzu, 2010 fl-ammont ta' €361;
(iii) 24 ta' Marzu, 2010 fl-ammont ta' €361;
(iv) 28 ta' April, 2010 fl-ammont ta' €361;
(v) 24 ta' Mejju, 2010 fl-ammont ta' €361;
(vi) 24 ta' Gunju, 2010 fl-ammont ta' €361;
(vii) 24 ta' Lulju, 2010 fl-ammont ta' €361;
(viii) 24 ta' Settembru, 2010 fl-ammont ta' €361;
(ix) 24 ta' Ottubru, 2010 fl-ammont ta' €361;
(x) 24 ta' Novembru, 2010 fl-ammont ta' €361;
(xi) 24 ta' Dicembru, 2010 fl-ammont ta' €361;
(xii) 24 ta' Jannar, 2011 fl-ammont ta' €361;
(xiii) 24 ta' Frar, 2011 fl-ammont ta' €361;
(xiv) 24 ta' Marzu, 2011 fl-ammont ta' 361;
(xv) 24 ta' April, 2011 fl-ammont ta' €361;
(xvi) 24 ta' Mejju, 2011 fl-ammont ta' €361;
(xvii) 24 ta' Gunju, 2011 fl-ammont ta' €361;
(xviii) 24 ta' Lulju, 2011 fl-ammont ta' €361;
(xix) 24 ta' Awissu, 2011 fl-ammont ta' €361;
(xx) 24 ta' Settembru, 2011 fl-ammont ta' €1,444
(xxi) Cedola ta' Depozitu numru 1371/10 u li fit-22 ta' Lulju, 2011, l-attrici gibdet is-somma ta' €1,011.51.

9. Meta t-Tribunal ghadd ic-cifri hawn fuq kollha imsemmija rrizultalu li l-attrici inghatat is-somma komplessiva ta' €9,325.51.

10. Issa kif diga rajna, l-manteniment mill-24 ta' Jannar, 2005 il-quddiem, kellhu jibda jithallas bis-sena bil-quddiem. Ghalhekk, Lm155 (Lm10 ta' l-attrici u Lm145 tat-tifla) ekwivalenti ghal €361.05 fix-xahar ghal sena jigi l-ammont ta' €4332.60. Jidher ghalhekk, li l-manteniment ghas-sena li bdiet mill-24 ta' Jannar, 2010 sat-23 ta' Jannar, 2011 thallsu. L-istess haga jista jinghad ukoll ghat-tlett xhur li l-attrici qeghda tghid li ma thallsitx li komplessivament jammontaw ghal Lm435 (Lm145 x 3 xhur) pari ghal €1013.28.

11. Jekk jinghaddu dawn iz-zewg ammonti ta' €1,013.28 u €4332.60 jigi l-ammont komplessiv ta' €5,345.88.

12. Jekk mill-ammont komplessiv li ghadda l-konvenut lill-attrici u cioe l-ammont ta' €9,325.51 jitnaqqas l-ammont ta' €5,345.88 imsemmi fil-paragrafu precedenti, jigi li l-attrici ghandha f'idejha s-somma ta' €3,979.63. Dan l-ahhar ammont jekk tiddividih bis-somma ta' €361.05 (l-ammont ta' manteniment dovut lill-attrici u lil binthom) jigi li l-attrici ghandha f'idejha hdax-il xahar iehor manteniment imhallas u dan mill-24 ta' Jannar, 2011 sat-23 ta' Novembru, 2011. Illi ghalhekk, jekk ghad hemm pendenzi, huma biss mill-24 ta' Novembru, 2011 lil hawn, liema dati pero ma jaqawx fit-talba kif maghmula.

13. Illi dan ir-ragunar tat-Tribunal huwa ukoll ikkonfermat mix-xhieda ta' l-attrici meta fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2012 tistqarr li "*ghandi nkompli nghid illi mill-ammont reklamat minni fl-avviz li kont ressaqt fil-bidu ta' dawn il-proceduri jiena thallast is-sorte pero qed nippretendi li l-ispejjez ta' din il-kawza kif ukoll l-imghaxijiet fuq l-ammont sakemm dan effettivament*

*thallas*”. Jigifieri l-attrici stess qeghda taqbel li s-sorte minnha mitlub illum huwa estint ghax thallas u li fadlilha biss (i) li tithallas l-ispejjez tal-kawza u (ii) l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut lilha sakemm dan effettivament thallas. Fuq dan l-ahhar punt pero, it-Tribunal ma jaqbilx ma’ l-attrici. Dan ghaliex fi kliemha stess, ghalkemm il-kuntratt ta’ separazzjoni kien ighid li mill-24 ta’ Jannar, 2005 il quddiem l-ammont ta’ manteniment kellhu jithallas f’daqqa, cioe f’somma wahda, “*jiena kont nissaporti niehu pacenzja biex kemm jista jkun ma nihdux il-qorti*”. Jidher pero, u dan qed jinghad ghal dak li jista jinqala bejn il-partijiet mid-data ta’ din is-sentenza l-quddiem, l-attrici ma ghadhiex lesta li tkompli tissaporti lill-konvenut li jhallasha fix-xahar izda qeghda tinsisti li huwa jibda jhallasha l-ammont kollu f’daqqa kif kien obbliga ruhhu li jaghmel bil-kuntratt ta’ separazzjoni datat 6 ta’ Awissu, 2004.

14. Illi ghal dak li jghid il-konvenut fit-tieni eccezzjoni tieghu u cioe li huwa ha hsieb il-bzonnijiet tal-ulied waqt li l-attrici kienet qeghda tistudja barra minn Malta peress li ha hsieb il-bzonnijiet ta’ l-ulied hu ma hijiex legalment sostenibbli. Huwa bil-wisq maghrufa li ordni ghal hlas ta’ manteniment (u klawsola f’kuntratt ta’ separazzjoni dwar obbligu ta’ hlas ta’ manteniment tekwivali ghal ordni ghal hlas) ghandha tigi osservata. Il-konvenut messu ressaq ir-rikors relattiv quddiem il-Qorti kompetenti sabiex huwa jigi ezentat milli jhallas il-manteniment dovut minnu ghax-xhur li huwa ha hsieb esklussivament lill-uliedu minuri peress li ommhom l-attrici kienet qeghda tistudja barra minn Malta. Din ma saritx u issa ma jistax iressaqha bhala difiza. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

15. L-istess haga jinghad ghar-rigward tat-tielet eccezzjoni u cioe meta hu jghid li l-manteniment dovut minn Lulju sa Dicembru, 2010 ghadu mhux dovut l-ghaliex ghadu ma avverax ruhhu. Apparti li llum avverat din il-kundizzjoni u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-ius superveniens it-Tribunal jista jieqaf hawn, pero jekk il-konvenut jara l-kuntratt ta’ separazzjoni iffirmat minnu fis-6 ta’ Awissu, 2004 hemm imnizzel li “*b’effett mis-sena*

*elfejn u hamsa (2005) il quddiem, huwa jibda jhallas kull ammont ta' manteniment ta' manteniment dovut ghal dik is-sena partikolari bil-quddiem f'somma wahda li tithallas kull (24) ta' Jannar bl-ewwel hlas ta' sena bil-quddiem ikun pagabbli sa' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar elfejn u hamsa (2005), u dan l-obbligu ta' hlas ta' manteniment bis-sena bil-quddiem jibqa effettiv ghal kull sena ohra sussegwenti bl-istess mod*" (ara para 4 ta' l-istess kuntratt a fol. 22 tal-process). Ghalhekk anke din it-tielet eccezzjoni qeghda tigi michuda.

16. Ir-raba eccezzjoni tal-konvenut hi fis-sens li l-attrici setghet ipprocediet a bazi ta' dak li ighid l-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta abbinat ma dak li jghid l-artikolu 255 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk isostni l-konvenut, l-ispejjez legali ta' din l-istanza ghandhom jigu ssaportati unikament mill-attrici. It-Tribunal jaqbel ma din l-eccezzjoni izda fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz, liema kaz gie mressaq mill-attrici fit-23 ta' Gunju, 2010 u ser jinghalaq kwazi sentejn neqsin xahrejn biex jigi deciz, huwa ser jiddeciedi li kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha. Dan il-kaz twal inutilment. Il-partijiet setghu jekk riedu jpoggu bil-qeghda u jaslu ghal konteggi u rizultati li wasal ghalihom it-Tribunal huma stess fi ftit zmien u mhux damu jkarkru 22 xahar.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut issalda d-debitu minnu dovut fil-mori ta' dawn il-proceduri u ghalhekk l-ebda sorte ma huwa dovut lill-attrici bhala manteniment minghandu ghaz-zmien reklamat, qieghed jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn dawn huma inkompatibbli ma dak li ghadu kif gie deciz aktar il-fuq f'din is-sentenza.

L-ispejjez kif inghad, ghandhom jigu sopportati f'sehem ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------